# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 76**

**Citaz. Nru. 1901/98GV**

Doc. 96-01

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi skond ir-regolamenti u l-ligijiet vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telefon bejn is-socjeta' konvenuta Penza Construction Limited u t-Telemalta Corporation (ara Dokument A), is-socjeta' konvenuta hija debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' elf, disa' mija tlieta u erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,943.54) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 284224;

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fi spejjez in konnessjoni mal-kera ghas-servizz ta' telefon u sejhiet maghmula bit-telefon, kif indikati fil-prospett anness (Dokument B);

Premess illi minkejja li interpellata thallas l-ammont dovut is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; u

Premess illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba attrci;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a termini ta' artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' elf disa' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,943.54);

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf disa' mija u tlieta u erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,943.54) rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 284224 ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Novembru, 1997 u bl-imghaxijiet legali kalkolati mid-data tal-kontijiet relattivi kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 17 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi, preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ma hijiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet attrici u ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, billi s-socjeta' eccipjenti qatt ma nghatat servizz tat-telefon bin-numru 284224 citat fic-citazzjoni attrici.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz, infondati fil-fatt u fid-dritt billi s-somma pretiza mis-socjeta' attrici giet pacjuta '*ex lege*' ma somma ekwivalenti dovuta u rikonoxjuta

mis-socjeta' attrici favur l-istess socjeta' esponenti.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1,943.54 rapprezentanti kera, servizz u spejjez dovuti in konnessjoni mal-linja tat-telefon numru 284224.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li n-numru ndikat fic-citazzjoni mhux taghhom. Dwar din l-eccezzjoni kienet saret korrezzjoni (ara fol. 27) u in-numru tibiddel ghall 248150, billi n-numru ndikat fic-citazzjoni kien inbidel diversi drabi.

Il-konvenuti eccepew ukoll li s-somma pretiza mis-socjeta' attrici giet pacuta *ex lege* ma' somma ekwivalenti dovuta u rikonoxxuta mis-socjeta' attrici favur is-socjeta' eccipjenti.

**PROVI**

Saviour Farrugia beda biex xehed li l-ammont hu dovut ghal perjodu 1994 sa 1998. Il-konvenuti hallsu xi kontijiet u huma kellhom jiehdu xi haga minghand is-socjeta' attrici u thallsu. Saret tpacija pero' dan in-numru ma kienx inkluz fit-tpacija.

Meta rega' xehed fit-22 ta' Frar, 1999 Farrugia kkonferma li l-ammont mitlub fic-citazzjoni ghadu dovut u ma sar ebda hlas. F'dan il-kaz ma kienx hemm *set off* u l-ammont ghadu dovut.

Imbaghad rega' xehed fit-12 ta' Frar, 2001 u qal li s-sorte thallset. Meta fethet il-kawza kien sar jaf li l-konvenuti kellhom xi xoghol maghhom u kellhom jaghtuhom xi flus. Huma kienu qed izommulhom xi *cheques* sakemm ihallsu l-pendenzi li kelllhom fuq il-kontijiet tat-telfon. L-ammont dovut fuq dan in-numru ma kienux jafu bih billi l-hlasijiet kienu qed isiru fuq in-numri li kienu ghadhom qed jahdmu. Imbaghad kien qalilhom biex izommu l-pagament ukoll fuq dan in-numru. Wara li saret din il-kawza huma hallsu lill-konvenuti u biddlu c-*cheque*. Meta kienu qed jiddiljaw mal-konvenuti, dawn ma qalulhomx li kellhom il-kont prezenti pendenti.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq il-kap ta' l-ispejjez billi l-mertu hu ezawrit.

Jirrizulta mill-provi li s-sorte thallset fil-mori tal-kawza. Il-konvenuti qed jissottomettu li huma ma kellhom jaghtu xejn billi kienet sehhet tpacija b'ammont li huma kellhom jiehdu minghand l-atturi. Izda mill-provi rrizulta li t-tpacija kienet qed topera ruhha ma' ammonti dovuti fuq numri ta' telefons ohra li kienu qed joperaw, mentri dan il-kont kien ta' telefon li kien twaqqaf milli jopera u l-kont ma kienx issemma mill-konvenuti ma' l-atturi. It-tpacija kienet saret fuq il-kontijiet l-ohra, imma mhux fuq dan. Imbaghad thallas dan il-kont ukoll fil-mori tal-kawza.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuti ghadhom ihallsu l-ispejjez ta' din il-kawza.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet attrici billi huma ezawriti; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**